15 ta' Ottubru 2016

92/2016

**KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAT-TRINITÀ QADDISA, IL-MARSA**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Patri Carmelo Aquilina O.F.M. Cap. bħala kappillan tal-Parroċċa  tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa.

Patri Carmelo twieled fis-6 ta' Settembru 1967. Huwa rċieva l-edukazzjoni fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi, l-edukazzjoni sekondarja fil-Kulleġġ Santu Wistin, u kompla jistudja fl-Iskola tas-Snajja u f'Umberto Colosso. Kompla l-istudji terzjarji fil-Filosofija u t-Teoloġija, fl-Università ta' Malta, u fl-*Istituto Teologico San Pietro*, f'Viterbo, l-Italja. Huwa kiseb liċenzjat mill-Università ta' Malta u studja wkoll fil-*Franciscan International Study Centre,* f'Canterbury, l-Ingilterra.

Patri Carmelo ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Lulju 2011. L-ewwel ħidma pastorali tiegħu kienet maż-żgħażagħ fiż-żona pastorali tal-Mensija, San Ġwann. Patri Carmelo jgħin fil-proġett *Karibu! Malta* li jagħmel xogħol missjunarju fil-Kenja. Fil-preżent, Patri Carmelo huwa ċ-chairperson tal-Fondazzjoni *Suret il-Bniedem*.

Il-parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa, tiġbor fiha madwar 2,600 persuna f'1,100 familja.